MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 742/2012

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Joanne Camilleri K.I. 550374(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' tliet mija u tmenin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€380.32), in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Duo Pack u cioe s-servizzi ta' telekomunikazzjoni u cioe dak tat-telefon u l-internet kont numru *A/C40140968* reżi mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenuta, a tenur ta' kuntratt datat 21 ta' Novembru 2009;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ tliet mija u tmenin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€380.32), bl-imgħax legali dekorribbli mid-29 ta’ Mejju 2012, li hija d-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi u numerata 1154/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------